**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Lulju, 2025**

Numru 5

**Appell Nru. 4/2025**

**C&V Polymers Limited**
**vs**

**L-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta C&V Polymers Limited tat-12 ta' Marzu 2025 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-20 ta' Frar 2025 rigward avviz OWK28/19 dwar ksur ta' regolamenti ambjentali fejn intlaqa' f'parti l-appell ta' C&V Polymers izda gie konfermat in parti l-avviz fuq imsemmi;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell kellu jigi michud;

Rat l-atti kollha u dikjarazzjoni tad-difensuri li irrimettew ruhhom ghall-atti;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Dan l-Appell jirrigwarda avviz OWK 28/19 li nhareg fil-konfront tal-appellanti. L-ordni kien jghid li kien hemm ksur ta' regolamenti ambjentali jikkonsisti fi:
i. Operazzjoni jew attivita ta' hazna ta' trattament u ta' maniggjar ta' skart li jinkludi u mhux limitat ghal plastic, injam, karti u kartun, hgieg u aluminju – minghajr il-permessi mehtiega.
ii. Tfiegh ta' skart li qed jorigina mill-facilita' f'Hal-Far f'zona protetta.

L-aggravji tal-appellanti kienu:
i. L-Awtorita' qatt ma kellha dritt li timponi xi multa fil-kaz odjern. Dana l-aggravju sar b'riferenza ghall-kawza kostituzzjonali deciza fit-3 ta' Mejju 2016 Federation of Estate Agents v Direttur Generali (Kompetizzjoni) et.
ii. Dak li qed jintalab mill-Awtorita' mhux pruvat.
iii. Permessi ghall-kontinwazzjoni tal-attivita' industrijali. L-appellanti ilha tiggestixxi sit f'Hal Far bhala parti minn attiviata' industrijali li hija twettaq fi fabbrika li ghandha fil-Marsa Industrial Estate. Wara incident ta' hruq is-socjeta' appellanti kellha twaqqaf l-operat taghha f'Hal Far. Presentement fis-sit ta' Hal-Far mhu jsir ebda riciklar.

L-Awtorita' rrispondiet:
i. Jekk b'xi mod l-imposizzjoni tal-multa tilledi drittijiet kostituzzjonali tal-appellanti, din il-lanjanza mhux mertu ta' dan it-Tribunal u semmai din il-lanjanza ghandha tigi ventilata fi fora ohra.
ii. Dwar it-tieni aggravju, rrizulta illi l-ksur relattiv wara diversi spezzjonijiet li saru minn ufficjalita' enfurzar tal-Awtorita'.
iii. Minkejja dak li ntqal fit-tielet aggravju s-socjeta' appellant qatt ma infurmat lill-Awtorita' li waqqfet l-operat taghha. Saru spezzjonijiet fis-276.07.17, 14.09.17., 05.04.18., .3.07.18., 11.05.18. u 05.04.19. irrizulta li fuq is-sit l-appellanti kienet ghadha qed tahzen materjal fil-fabbrika ta' Hal-Far minghajr permess ambjentali.

Provi
Charles Brincat, direttur mas-socjeta' appellanti, ipprezenta affidavit fejn iddikjara illi l-ERA meta hargu l-avviz ikkonkludew illi l-materjal relattiv origina mill-fabbrika n mertu u dan minghajr ma qatt kellmuh. Ma ghamlu ebda prova illi l-materjal hareg mill-fabbrika. Qal ukoll li qatt ma kien gie notifikat b'xi allegat ksar la mill-Qrati, la mill-pulizija u lanqas mill-Awtorita'. Iddikjara illi l-kumpanija tiehu hsieb li tikkonformi mar-regolamenti in sehh.
Fil-vicinanzi tal-fabbrika hemm fabbriki ohra li jahdmu l-plastic granules u l-ixkejjer jumbo. Zied illi darba minnhom ossia fis-27 ta' Settembru 2020 ufficjal tal-Awtorita' kien cempilli biex jghidlu li kien hemm xi plastic granules hergin mis-sit f'Hal-Far. Mar immedjatament fuq il-post u rrizulta li effetivament il-granules ma kienux mis-sit tas-socjeta' appellanti izda minn sit iehor.
L-istess xhud xehed ukoll u b'mod partikolari spjega b'riferenza partikolari ghal ritratt Dok ERA 4 illi bejn l-ixkora relattiva u fejn kien hemm il-granules hemm tul ta' xi 300 metru u ghalhekk ma jistax ikun li l-granules gew minn dik l-ixkora. Zied ukoll illi ghalkemm kien jaf li dak li kien barra s-sit tieghu ma kienx responsabilita' tieghu ghamel mezz li jsir tindif.
Xehed ukoll dwar akkadut tas-27 ta' Settembru 2020. Din pero hija rigward akkadut li gara ferm wara l-hrug tal-ordni n kwistjoni. Dwar l-istess akkadut kien ghamle affidavit lenforcement officer
Xehdet ukll Stafania Curmi, Enforcement Officer mal-intimata Awtorita'. Spjegat li kienu saru spezzjonijiet fuq is-sit in mertu fl-2017,2018 u 2019 fejn onsite instab li qed sisr waste storage, jigifieri jumbo packs bi plastic, injam, karti, hgieg etc. Permess ma kienx hemm. Din kienet dwar l-ewwel parti tal-Avviz. Xehdet ukoll in kontro-ezami.
Dwar it-tieni parti spjegat illi hemm discharge point u l-ilma tax-xita kien kien jispicca jgorr il-platik ghal go dan id-discharge point. Gieli instabu wkoll fuq il-*cliff face*. Spjegat ukoll illi mas-sit kien hemm chain link fence li kien imwaqqa miksur u *litteralment tista tara l-waste qed jqa minn gol-facilita' ghal fol cliff face u per ezempju kien hemm anka gablow li kien forma ta' cilindru, li kien specifiku, ma tantx rara bhalu, li jinstab fol-facilita' u tarah ezatt fuq barra tal-facilita' u kien qed jispicca fuq il-cliff face.*
Mistoqsija dwar il-fatt illi fil-madwar tas-sit hemm fabbriki ohra li jaghmlu l-istess waste, ixxhud spjegat illi hemm fabbriki ohra li juzaw l-istess tip ta' plastic izda m'humiex fil-konfini tad-discharge point relattivi tas-sit.
Permezz ta' affidavit l-istess xhud spjegat l-istorja tal-permessi fuq is-sit tal-appellanti. LEnvironmental Permit fuq is-sit skada fit-28.01.17.
Il-partijiet ghamlu sottomissjonijiet finali fejn sahqu fuq il-punti gja msemmija fl-appell u rrisposta u ghamlu riferenza ghax-xhieda relattiva.

Ikkunsidra:

L-Ordni relattiva OWK 0028/19 ghandha zewg aspetti: l-ewwel aspett huwa fir-rigward ta' ksur ambjentali li jikkonsisti fi hazna fuq is-sit relattiv bla permess. It-Tieni aspett jirrigwarda tfiegh ta' skart li jorigina mill-facilita' fuq is-sit relattiv. Iz-zewg aspetti ghandhom bazi fattwali.

Dwar l-ewwel aspett huwa car illi s-socjeta' appellant ma kellha ebda permess vigenti fuq is-sit ghal hazna ta' materal kif imsemmi fl-avviz OWK 28/19. Ir-ritratti mehudin fuq is-sit jaghmluha cara li kien hemm certament element ta' hazna fuq is-sit permezz ta' jumbo bags. Dawn ma waqghux mis-sema. Allura dan l-aspett tal-Avviz OWK 0028/19 huwa pruvat.

It-tieni aspett huwa kemmxejn problematiku. Ghalkemm hemm ritratt partikolari li juri jablo ftit il-barra mis-sit in kwistjoni dwar l-elementi ta' plastik ossia granules hemm diversi elementi fattwali li jiffurmaw prova favur il-hrug tal-Avviz waqt li hemm ukoll elementi fattwali li jhallu certu dubju.

Hawnhekk jiskatta l-principju rigward provi fuq '*bilanc ta' probabilitajiet*. Il-mizien hawn jaghti dubju. Il-probabilita' hi li l-iskart seta gie in parti mis-sit in mertu izda seta jkoll gie minn xi sit iehor u mhux necessarjament mis-sit mertu ta' dan l-Avviz.

Ghaldaqstant l-appell ghandu jigi milqugh limitatament.

L-appell huwa ghaldaqstant
i. milqugh limitatament ghat-tieni parti tal-avviz ossia it-**Tfiegh ta' skart li qed jorigina mill-facilita' f'zona protetta**
ii. michud u konsegwentement ikkonfermat l-avvviz l-OWK 28/19 fir-rigward tal-Ewwel parti taghha ossia **operazzjoni jew attivita' ta' hazna ta' trattament u ta' maniggar ta' skart minghajr il-permessi mehtiega**.

## Ikkunsidrat

L-aggravju tal-appellanta huwa s-segwenti:

1. It-Tribunal naqas li jqis l-aggravju mressaq quddiemu li l-Awtorita ma kellhiex setgha timponi multa ghaliex htija ghal nuqqas ta' natura kriminali, tinstab biss minn Qorti kompetenti wara s-sejbien tal-htija fil-grad ta' prova rikjesta. L-ordni ta' waqfien u konformita u l-multa imposta huma ta' natura kriminali u ghalhekk milquta bl-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Tirreferi ghas-sentenza Victor Gusman et vs Avukat tal-Istat, deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Mejju 2024 fejn gie dikjarat li l-artkolu 97 u 100 tal-Kap. 552 u l-artikolu 3 tal-L.S. 552,24 (rigward l-impozizzjoni ta' multa) huma lesivi tad-drittijiet sanciti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ghalkemm il-kawza kienet kontra l-Awtorita tal-Ippjanar il-multi huma tal-istess natura. Issostni li din il-Qorti mhix il-fora adattata biex tisma kawza kostituzzjonali izda ma tistax taghlaq ghajnejha ghal din id-decizjoni. Is-socjeta appellanta talbet it-thassir tad-decizjoni fil-parti fejn gie michud l-appell tas-socjeta quddiem it-Tribunal u bla pregudizzju f'kaz ta' cahda tirrevedi l-kalkolu korrett tal-multa imposta.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Dan l-appell ma jista' jkollu ebda rizultat pozittiv quddiem din il-Qorti. L-appellanta qed tattakka ligi li ghalkemm ma issemmihiex qed tirreferi b'kull probabilita ghall-artikoli 76 u 78 tal-Kap. 549 u l-L.S. 549.63 u L.S. 549.72. Ma tistax issir talba jew ilment ghal ksur ta' drittijiet naxxenti minn ligi/legislazzjoni allegatament lesivi ta' dawk id-drittijiet bil-mod kif maghmul fl-appell. Din trid issir b'kawza ad hoc quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-Kompetenza Kostituzzjonali taghha fejn ikun parti anki l-Avukat tal-Istat. Fil-fatt jidher mill-atti li l-appellanta innotifikat l-appell lill-Avukat tal-Istat li lanqas hu parti f'dawn il-proceduri. Ghalhekk l-appell kif inhu mibni fuq il-permessa ta' ksur ta' drittijiet ma jistax jigi kunsidrat mill-Qorti. Hu minnu illi t-Tribunal naqas li jikkunsidra l-istess aggravju maghmul quddiemu izda dak li intqal f'din is-sentenza japplika bl-istess mod quddiem it-Tribunal u ma jintlahaq ebda ghan fejjiedi li l-atti jintbaghtu quddiem it-Tribunal biex jigi kunsidrat l-aggravju.

In kwantu ghal dak il-punt tal-aggravju fejn saret stedina lil Qorti tirrevedi l-mertu f'kaz tal-aggravju principali jigi michud, ma sar ebda aggravju simili quddiem it-Tribunal u din il-Qorti ma tistax tqis aggravji godda maghmula f'dan l-istadju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad l-appell ta' C&V Polymers Limited; bl-ispejjez kontriha.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur